

Brussell, 15 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10817/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0215(COD)

EF 246
ECOFIN 739
SURE 31
CONSOM 161
CODEC 1091

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Lulju 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 397 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibigħu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 397 final.

Mehmuż: COM(2021) 397 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2021
COM(2021) 397 final

2021/0215 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibigħu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014¹ jippermetti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jifhmu u jqabblu aħjar il-prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) u jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment infurmati aħjar. Il-PRIIPs jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u fondi ta' investiment alternattivi fil-livell tal-konsumatur (AIFs).

Biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu, ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jirrikjedi li l-manifatturi tal-PRIIPs jikkonformaw ma' sett uniformi ta' rekwiżiti ta' żvelar tal-prodott u jipprovdu lill-investituri fil-livell tal-konsumatur b'dokument bl-informazzjoni ewlenija (KID) dwar kull PRIIP li joffru. L-informazzjoni żvelata għandha tippermetti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jifhmu aħjar in-natura ekonomika u r-riskji ta' PRIIPs partikolari u jikkomparawhom. Aktar trasparenza u armonizzazzjoni huma ta' benefiċċju wkoll għas-suq intern fis-servizzi finanzjarji billi joħolqu kundizzjonijiet ekwi fost il-PRIIPs u l-kanali ta' distribuzzjoni.

Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jistabbilixxi l-forma u l-kontenut tal-KID. Jagħti wkoll is-setgħa lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej (ASE) - jiġifieri l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (kif stabbilit bir-Regolamenti (UE) Nri 1093/2010², 1094/2010³ u 1095/2010⁴, rispettivament) - biex jiżviluppaw b'mod konġunt standards tekniċi regolatorji (RTSs) li jispeċifikaw il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-KID, il-format standard tiegħu, il-metodoloġija għall-preżentazzjoni tar-riskji u l-gwadanji u l-kalkolu tal-kostijiet, il-kundizzjonijiet u l-frekwenza minima għar-rieżami tal-informazzjoni fil-KID u l-kundizzjonijiet dwar il-forniment tal-KID lill-investituri fil-livell tal-konsumatur.. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/653⁵ jistabbilixxi l-RTSs.

L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jipprevedi arranġament tranżitorju li permezz tiegħu l-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġġu, unitajiet ta' UCITS u mhux UCITS ikunu temporanjament eżentati

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 tat-8 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti (ĠU L 100, 12.4.2017).

mir-rekwiżit li jipprovdu KID lill-investituri fil-livell tal-konsumatur. Dan l-arranġament bħalissa japplika sal-31 ta' Diċembru 2021 ("arranġament tranżitorju").

Dan ir-Regolament huwa akkumpanjat minn emendi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati dawk l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/653 u biex titnaqqas l-inċertezza ġuridika, dan ir-Regolament jestendi l-arranġament tranżitorju sat-30 ta' Ġunju 2022.

L-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/653 huma bbażati fuq abbozz ta' RTSs ippreżentati b'mod konġunt mill-ASE fit-3 ta' Frar 2021. L-abbozz ta' RTSs jinvolvu:

- metodoloġiji ġodda għall-kalkolu ta' xenarji ta' prestazzjoni xierqa u preżentazzjoni riveduta tax-xenarji, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-investituri fil-livell tal-konsumatur ma jingħatawx aspettattivi mhux xierqa fir-rigward tar-redditi possibbli;
- sommarju rivedut tal-indikaturi tal-kostijiet u l-bidliet fil-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kostijiet tal-PRIPs, biex l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu jistgħu jifhemu aħjar it-tipi differenti ta' struttura tal-kostijiet u biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' din l-informazzjoni minn persuni li jagħtu pariri dwar il-PRIPs jew ibiġhuhom;
- metodoloġija modifikata għall-kalkolu tal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, biex jiġu indirizzati l-isfidi prattiċi li nqalgħu meta ġew applikati r-regoli eżistenti, u kwistjonijiet rigward l-applikazzjoni tagħhom għal ċerti tipi ta' investment;
- regoli modifikati għall-PRIPs li joffru firxa ta' għażliet għall-investment, biex tiġi ċċarata l-informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-kostijiet.

L-abbozz ta' RTSs jistabilixxu wkoll dispożizzjonijiet fir-rigward ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat għal ċerti tipi ta' UCITS, AIFs fil-livell tal-konsumatur u prodotti ta' investment ibbażati fuq l-assigurazzjoni.

Dan ir-Regolament huwa akkumpanjat ukoll minn emendi għad-Direttiva 2009/65/KE⁶, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn, mill-1 ta' Lulju 2022, l-investituri jirċievu żewġ dokumenti ta' żvelar prekontrattwali fir-rigward tal-istess UCITS (jiġifieri l-KID u l-"informazzjoni ewlenija għall-investitur" skont dik id-Direttiva).

Bħala riżultat ta' din il-proposta, ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 se japplika għal kumpaniji maniġerjali, kumpaniji ta' investment u persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġhu, unitajiet ta' UCITS u mhux UCITS mill-1 ta' Lulju 2022, biex jikkoinċidi mal-applikazzjoni tal-emendi għad-Direttiva 2009/65/KE u r-Regolament Delegat (UE) 2017/653.

Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

L-Artikoli 78 sa 82, u l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2009/65/KE jirrikjedu li l-kumpaniji ta' investment u l-kumpaniji maniġerjali għall-UCITS ifasslu "informazzjoni ewlenija għall-investitur". L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-istess regoli għall-fondi li mhumiex UCITS.

L-għan tal-"informazzjoni ewlenija għall-investitur" huwa li tagħmel lill-investituri "*ragonevolmente kapaċi jifhemu n-natura u r-riskji tal-prodott ta' investment li jkun qed jiġi offrut lilhom u, konsegwentement, li jieħdu deċiżjonijiet ta' investment fuq bażi infurmata*". L-"informazzjoni ewlenija għall-investitur" hija dokument qasir (żewġ paġni, jew tlieta għal UCITS strutturati) f'format standard, b'informazzjoni ppreżentata f'sekwenza speċifikata li

⁶ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investment kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

tiffaċilita t-tqabbil bejn UCITS differenti. L-informazzjoni tingħata b'lingwaġġ mhux tekniku, sabiex tinftiehem mill-investituri fil-livell tal-konsumatur. L-“informazzjoni ewlenija għall-investitur” għandha tkun dokument awtonomu: l-elementi essenzjali tagħha għandhom jinftiehem mill-investituri mingħajr referenza għal dokumenti oħra u għandha tkun konsistenti mal-partijiet rilevanti tal-prospett tal-UCITS. Hija bbażata fuq ir-rekwiżit ġenerali li l-informazzjoni żvelata tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa.

Minbarra li tidentifika l-UCITS u tiddekrivi fil-qosor l-oġettivi ta' investiment u l-politika ta' investiment tagħha, l-“informazzjoni ewlenija għall-investitur” tinkludi:

- taqsima dwar il-**kostijiet u l-imposti**, skont format standard għall-preżentazzjoni u l-ispejgazzjoni tal-imposti, inklużi twissijiet rilevanti, sabiex l-investituri jkunu infurmati kif xieraq dwar l-imposti li jkollhom iġarrbu u l-livell tagħhom bħala proporzjon tal-ammont ta' kapital investit fil-fond;
- taqsima dwar ir-**riskji u l-benefiċċji**, li tinkludi regoli dettaljati dwar il-preżentazzjoni tal-profil tar-riskji u l-benefiċċji tal-prodott, bl-użu ta' indikatur sintetiku, flimkien ma' spjegazzjonijiet narrattivi tal-indikatur innifsu u r-riskji li ma jinqabdux minnu. L-“informazzjoni ewlenija għall-investitur” tista' tiġi kontroreferenzjata mal-prospett tal-UCITS, li jiżvela informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-riskji rilevanti;
- taqsima dwar il-**prestazzjoni**, li tippreżenta l-prestazzjoni fil-passat jew, f'każijiet rilevanti, xenarji ta' prestazzjoni prospettivi.

L-“informazzjoni ewlenija għall-investitur” saret il-parametru referenzjarju għall-iżvelar fil-qafas tal-PRIIPs. Id-dispożizzjonijiet dwar l-iżvelar tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jissellfu ħafna mid-Direttiva 2009/65/KE. Abbażi tal-mudell ta' “informazzjoni ewlenija għall-investitur”, il-KID huwa skeda informattiva standardizzata li tippreżenta l-karatteristiċi ewlenin (inklużi l-kostijiet u r-riskji u l-benefiċċji potenzjali) ta' PRIIP partikolari b'mod sempliċi, li jinftiehem u komparabbli. Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fih ukoll regoli dettaljati dwar meta u kif il-manifatturi u dawk li jbigħu, jew jagħtu pariri dwar, PRIIPs għandhom jipprovdu l-KID lill-investituri fil-livell tal-konsumatur.

B'mod aktar ġenerali, ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 għandu l-għan li jipprovdi lill-investituri fil-livell tal-konsumatur b'mezzi potenzjali biex jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment aħjar u biex jitbiegħdu minn prodotti subottimali jew mibjugħa ħażin, u b'hekk jgħin biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-sistema finanzjarja. Meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet tal-“informazzjoni ewlenija għall-investitur”, ir-regoli tal-KID huma mfassla apposta biex jiffaċilitaw it-tqabbil ta' firxa ferm usa' ta' prodotti ta' investiment fil-livell tal-konsumatur, inklużi (iżda mhux biss) UCITS u mhux UCITS fil-livell tal-konsumatur, prodotti ta' assigurazzjoni bbażati fuq l-investment, derivattivi u prodotti strutturati, u prodotti oħra ta' assigurazzjoni u investiment ippakkjati.

L-istandards ta' żvelar għal PRIIPs funzjonalment simili u sostitwibbli jtejbu t-trasparenza u l-komparabbiltà, filwaqt li jtaffu l-konfużjoni mill-użu ta' kunċetti speċifiċi għas-settur. Dan jgħin lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jifhmu u jafdaw il-prodotti li jixtru, filwaqt li jipprevjeni l-arbitraġġ regolatorju u jippromwovi l-konsistenza regolatorja, li min-naħa tagħha għandha tiffaċilita s-superviżjoni, tnaqqas il-kostijiet u tappoġġa l-kompetizzjoni fil-prezzijiet. L-“istandardizzazzjoni mmirata” fil-qafas tal-PRIIPs mhijiex approċċ “wieħed tajjeb għal kulħadd”, iżda tinvolvi d-diviżjoni tal-PRIIPs f'erba' kategoriji u t-fassil tar-rekwiżiti ta' żvelar skont dan. Kategorija waħda hija għal prodotti li jittraċċaw investiment sottostanti b'mod lineari - din tkopri l-biċċa l-kbira tal-UCITS, AIFs fil-livell tal-konsumatur u prodotti tal-assigurazzjoni marbuta ma' unitajiet. Fl-istess ħin, il-KID jiżgura l-

preżentazzjoni uniformi tal-informazzjoni ewlenija, irrappreżentament mill-kategorija, fejn il-PRIIPs huma simili biżżejjed biex jippermettu dan.

Fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu fl-2014, l-arranġament tranżitorju għal UCITS u mhux UCITS kien iġġustifikat mill-perjodu relattivament qasir mill-introduzzjoni tal-“informazzjoni ewlenija għall-investitur” (l-1 ta’ Lulju 2011). Fil-premessa 35 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014, il-koleġislaturi speċifikaw li jkun “*proporzjonat li l-UCITS bħal dawn jingħataw perijodu tranżitorju ta’ ħames snin*” u li “*wara l-iskadenza ta’ dan il-perijodu tranżitorju u fin-nuqqas ta’ estensjoni għalih, l-UCITS isiru soġġetti għal dan ir-Regolament*”.

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1156⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill estenda l-arranġament tranżitorju sal-31 ta’ Diċembru 2021, bit-twissija (il-premessa 14) li “*l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet superviżorji kollha involuti jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jaġixxu malajr kemm jista’ jkun biex jiffaċilitaw it-terminazzjoni ta’ dik l-eżenzjoni tranżizzjonali*”.

Biex jilhqqu dak l-oġġettiv, l-ASE adottaw b’mod konġunt l-RTSs li jemendaw ir-Regolament Delegat (UE) 2017/653 u ppreżentawhom fit-3 ta’ Frar 2021. Fil-qosor, l-RTSs jikkonċernaw dan li ġej:

Xenarji ta’ prestazzjoni

L-ASE jnaqqsu r-riskju ta’ **xenarji ta’ prestazzjoni ottimisti żżejjed** fit-tipi kollha ta’ PRIIPs, b’għażla ġenerali għall-manifatturi tal-PRIIP biex jużaw perċentili aktar baxxi tad-distribuzzjonijiet stmati tar-redditi futuri biex jiġġeneraw ix-xenarji, fejn ġustifikat. Dan jippermetti lill-manifatturi tal-PRIIPs jiġġeneraw xenarji li huma aktar konservattivi jekk jemmnu li hemm riskju materjali tax-xenarji kif preskritt li jwassal għal aspettattivi mhux xierqa min-naħa tal-investituri. Madankollu, il-metodoloġija ma tippermettix lill-manifatturi tal-PRIIPs jużaw perċentili oġġla.

Abbażi tar-risultati tal-ittestjar tal-konsumaturi, l-ASE jżidu r-**redditu minimu** tal-prodott fl-oqsma li għandhom jiġu koperti fix-xenarji tal-prestazzjoni għall-PRIIPs kollha.

Għall-PRIIPs tal-kategorija 2 (li tinkludi l-biċċa l-kbira tal-UCITS u mhux UCITS), l-ASE jipproponu metodoloġija riveduta għall-kalkolu tax-xenarji tal-prestazzjoni “favorevoli”, “moderati” u “mhux favorevoli”, biex titnaqqas l-inċidenza tal-**proċikliċità** u jiġi minimizzat il-potenzjal għal **stimi qarrieqa**, li jirriskjaw li joħolqu aspettattivi mhux xierqa fl-investituri fil-livell tal-konsumatur. B’mod partikolari, din il-metodoloġija testendi minn 5 sa 10 l-għadd ta’ snin ta’ *data* li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tax-xenarji, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta’ stimi proċikliċi. Iġġib ukoll xenarji direttament mis-sors ta’ distribuzzjoni ta’ redditi tal-passat, sabiex tiċċara r-rabta matematika għall-investituri fil-livell tal-konsumatur bejn ir-redditi tal-passat u l-valuri tax-xenarju.

Għax-xenarju ta’ stress, l-ASE jżommu l-metodoloġija attwali, peress li din uriet li hija indikatur effettiv tal-effett ta’ avvenimenti negattivi estremi tas-suq, bħax-xokk finanzjarju inizjali fl-2020 mill-kriżi tal-COVID-19.

Prestazzjoni tal-passat

Fit-taqsimha “Informazzjoni rilevanti oħra” tal-KID, l-ASE jinkludu link għal sors alternattiv online jew dokument estern li fih **data standardizzata tal-prestazzjoni tal-passat**. Huma **jistandardizzaw ukoll il-kontenut u l-metodoloġija** tal-prestazzjoni tal-passat f’Anness VII

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta’ investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 1286/2014 (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 55).

għdid tar-Regolament Delegat (UE) 2017/653. Il-metodoloġija proposta hija bbażata fuq l-approċċ għall-“informazzjoni ewlenija għall-investitur”, b’aġġustamenti speċifiċi fejn meħtieġ. Għall-PRIIPs għajr il-kategorija 2, l-ASE jżommu l-approċċ attwali li juru x-xenarji ta’ prestazzjoni biss.

Kostijiet

L-ASE jirvedu **l-indikaturi tal-kostijiet fil-qosor** u jibdlu l-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kostijiet tal-PRIIPs biex l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu jistgħu jifhemu aħjar it-tipi differenti ta’ struttura tal-kostijiet u biex jiffaċilitaw l-użu ta’ din l-informazzjoni minn persuni li jbigħu jew jagħtu pariri dwar il-PRIIPs, fost l-oħrajn billi jirrikjedu li l-informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet għall-prodotti ta’ investiment għall-konsumaturi aggregati (kif koperti mid-Direttiva 2014/65/UE⁸, MiFID II) tiġi ppreżentata f’ammonti monetarji, f’konformità mal-Artikolu 50(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2017/565⁹. Għall-prodotti ta’ investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, il-kostijiet xorta waħda huma espressi bħala “tnaqqis fir-rendiment”.

L-ASE jimmodifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tal-**kostijiet tat-tranżazzjoni** biex jindirizzaw sfidi prattiċi bl-applikazzjoni tar-regoli ta’ distribuzzjoni. Jipprevjenu wkoll kostijiet negattivi tat-tranżazzjoni billi jiffissaw minimu fil-livell tal-kostijiet espliċiti.

L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-arranġament tranżitorju għall-UCITS u għall-mhux UCITS għandux “*[jiġi estiż], jew jekk, wara l-identifikazzjoni ta’ kwalunkwe aġġustament meħtieġ, id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni ewlenija għall-investitur fid-Direttiva 2009/65/KE jistgħux jiġu sostitwiti minn jew meqjusa ekwivalenti għall-[KID]*”.

F’dan ir-rigward, il-proposta tal-ASE għal sett rivedut ta’ RTSs fiha għadd ta’ aġġustamenti li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni tal- “informazzjoni ewlenija għall-investitur” mal-KID għall-prodotti inkwistjoni:

- Ir-rekwiżit li fil-KID jiġi inkluż link estern għal informazzjoni dwar il-**prestazzjoni tal-passat** speċifika għall-prodott, ikkalkulata skont metodoloġija standard, jgħin lill-investituri fil-livell ta’ konsumatur biex ikomplu jużaw tali informazzjoni biex jivvalutaw kemm kull prodott ħadem tajjeb kontra l-parametru referenzjarju tiegħu, li huwa importanti għat-tqabbil ta’ prodotti mmaniġġjati b’mod attiv.
- L-introduzzjoni ta’ **xenarji standardizzati tal-prestazzjoni** għal prodotti UCITS u mhux UCITS se tagħti lill-investituri stampa aktar kompluta tat-tipi ta’ prestazzjoni li jistgħu jkunu mistennija mill-prodott, filwaqt li tiffaċilita l-komparabbiltà ma’ tipi oħra ta’ investiment fil-livell tal-konsumatur u prodotti tal-assigurazzjoni.
- L-investituri se jibbenefikaw minn komparabbiltà akbar grazzi għal qafas standard għall-iżvelar tal-**kostijiet** aggregati fil-PRIIPs kollha, inklużi UCITS u mhux UCITS. Barra minn hekk, bosta mill-emendi proposti għall-RTSs jindirizzaw direttament it-tħassib espress mill-manifatturi ta’ prodotti tat-tip UCITS, inkluża l-metodoloġija emendata għall-kalkolu tal-kostijiet tat-tranżazzjoni u l-allinjament tal-informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet għall-prodotti ta’ investiment għall-konsumaturi aggregati aktar mill-qrib mal-qafas tal-iżvelar tal-kostijiet tal-MiFID II. Dawn il-bidliet se

⁸ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE.

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta’ April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (MiFID II) rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta’ dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1).

jillimitaw il-kostijiet għall-industrija tal-ġestjoni tal-assi biex tadatta għar-regoli tal-iżvelar tal-kostijiet tal-PRIIPs.

- L-“informazzjoni ewlenija għall-investitur” u l-KID it-tnejn jirrikjedu l-kalkolu ta’ indikatur tar-**riskju** sintetiku, numeriku u sommarju uniku bbażat fuq aggregazzjoni ta’ diversi riskji (sa fejn ikun possibbli) u akkumpanjat minn spjegazzjonijiet narrattivi suffiċjenti. Bħalissa, il-metodoloġiji għall-kalkolu ta’ dan l-indikatur iwarjaw kemxejn bejn iż-żewġ oqfsa ta’ żvelar, li jistgħu jħawdu l-investituri fil-livell tal-konsumatur meta jippruvaw jagħmlu paraguni bejn l-oqfsa. Il-bidla għal metodoloġija komuni se ttejjeb il-komparabbiltà. Fl-istess ħin, il-bidla fil-metodoloġija tista’ tpoġġi xi prodotti f’kategorija ta’ riskju differenti, u potenzjalment tagħti l-impressjoni qarrieqa li dawn saru inqas riskjużi. Dan ġie parzjalment rimedjat mill-għażla mogħtija lill-manifatturi li jirrevedu l-indikatur tar-riskju ’l fuq (iżda mhux ’l isfel), soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

Bażi ġuridika

Bħar-Regolament (UE) Nru 1286/2014, li huwa intiż li jemenda, din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjoni tal-Unjoni tista’ tittieħed biss jekk l-eżiti previsti ma jkunux jistgħux jintlaħqu jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom. Hemm bżonn ta’ intervent mill-Unjoni biex jitneħħew l-ostakli għas-suq intern għas-servizzi u l-prodotti finanzjarji billi jiddaħħal approċċ uniformi għall-iżvelar marbut mal-PRIIPs. Il-leġiżlazzjoni li qed tiġi emendata, tiġi adottata f’konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u kwalunkwe emenda li ssirilha jeħtieġ li ssir permezz ta’ proposta tal-Kummissjoni.

Proporzjonalità

Din l-azzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tar-regoli tal-PRIIPs mill-awtoritajiet kompetenti u mill-manifatturi tal-PRIIPs. Se tiżgura li l-oġġettivi tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jinkisbu fis-suq intern kollu, u b’hekk tiżgura livell għoli ta’ trasparenza tas-suq u protezzjoni għall-investituri fil-livell tal-konsumatur.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Din il-proposta mhijiex akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt separata, billi valutazzjoni tal-impatt diġà ġiet prodotta għar-Regolament Delegat (UE) 1286/2014.

Din il-proposta la tibdel is-sustanza tar-Regolament, u lanqas ma toħloq obbligi ġodda għall-parteċipanti fis-suq. Dan jikkonċerna biss estensjoni ta’ 6 xhur (jiġifieri sat-30 ta’ Ġunju 2022) tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta’ investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġġu, unitajiet ta’ UCITS u mhux UCITS (l-Artikolu 32 tar-Regolament). L-għan huwa li tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika għall-industrija u l-awtoritajiet kompetenti hekk kif iħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda fir-Regolament Delegat (UE) 2017/653 u d-Direttiva 2009/65/KE, kif emendata.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt baġitarju għall-Kummissjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġhu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁰,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ jirrikjedi li l-manifatturi ta' prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) ifasslu dokument bl-formazzjoni ewlenija ("KID").
- (2) L-Artikolu 32(1) ta' dak ir-Regolament, madankollu, fih eżenzjoni biex jiġi prodott KID għall-kumpaniji maniġerjali kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (b) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill¹², il-kumpaniji ta' investiment kif imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew li jbiġhu, unitajiet ta' UCITS kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2021 ("arranġament tranżitorju"). L-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jistipula li fejn Stat Membru japplika regoli dwar il-format u l-kontenut tal-informazzjoni ewlenija għall-investitur, kif stipulat fl-Artikoli 78 sa 81 tad-Direttiva 2009/65/KE, biex fondi mhux UCITS offruti lil investituri fil-livell tal-konsumatur, l-arranġament tranżitorju għandu japplika għal kumpaniji maniġerjali, kumpaniji ta' investiment u persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibiġhu, unitajiet ta' tali fondi mhux UCITS lil investituri fil-livell tal-konsumatur.

¹⁰ ĠU [...], [...], p. [...].

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

¹² Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/653¹³ jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-preżentazzjoni, il-kontenut u l-format standard tal-KID, il-metodoloġija għall-preżentazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji u l-kalkolu tal-kostijiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-frekwenza minima għar-rieżami tal-informazzjoni li tinsab fil-KID u l-kundizzjonijiet dwar l-għoti tal-KID lill-investituri fil-livell tal-konsumatur.
- (4) Fi [*ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data*], il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../2021¹⁴, li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/653, fost l-oħrajn, biex jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment, u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew li jbigħu, unitajiet ta' UCITS u mhux UCITS biex jagħmlu użu mill-preżentazzjoni, il-kontenut u l-format standard tal-KID. Madankollu, id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE).../2021 ġiet stabbilita għall-1 ta' Lulju 2022 biex daww il-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment, u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibigħu, unitajiet ta' UCITS u mhux UCITS jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għat-tmiem tal-arranġament tranżitorju u b'hekk għall-obbligu li jitfassal KID. Minħabba li d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE).../2021 ġiet stabbilita għall-1 ta' Lulju 2022, u minħabba li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li t-tmiem tal-arranġament tranżitorju jikkoinċidi mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE).../2021, huwa meħtieġ li d-durata tal-arranġament tranżitorju tiġi estiża b'sitt xhur, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1286/2014 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Minħabba l-perjodu qasir ħafna li fadal sat-tmiem oriġinali tal-arranġament tranżitorju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 id-data "il-31 ta' Diċembru 2021" tinbidel u ssir "it-30 ta' Ġunju 2022".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 tat-8 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti (ĠU L 100, 12.4.2017, p. 1).

¹⁴ ĠU [...], [...], p. [...].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*